2026/1415

22.7.2026

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża, fil-forma ta' skambju ta' ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

A. *Ittra mill-Unjoni*

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur nirreferi għall-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar PRIMA"). Il-Ftehim dwar PRIMA ppreveda t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Libanu fi PRIMA. It-termini u l-kundizzjonijiet huma dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni dwar PRIMA"), u dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm tibqa' fis-seħħ id-Deċiżjoni dwar PRIMA. Id-Deċiżjoni dwar PRIMA teħtieġ li l-attivitajiet finali li għandhom jiġu ffinanzjati fl-ambitu ta' Orizzont 2020, inklużi s-sejħiet finali għal proposti skont il-pjanijiet ta' ħidma annwali rilevanti jitnedew sal-31 ta' Diċembru 2024 u, f'każijiet debitament ġustifikati, sal-31 ta' Diċembru 2025. Sabiex ittawwal l-attivitajiet tagħha, id-Deċiżjoni dwar PRIMA kellha tiġi emendata u inkorporata f'Orizzont Ewropa.

Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi PRIMA fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Deċiżjoni emendata dwar PRIMA"), huwa neċessarju li l-Ftehim dwar PRIMA jiġi emendat u ssupplimentat sabiex dak il-ftehim jiġi allinjat mad-Deċiżjoni emendata dwar PRIMA sabiex il-Libanu jkun jista' jkompli jitqies bħala Stat Parteċipanti fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni emendata dwar PRIMA. Barra minn hekk, fid-dawl tar-regoli finanzjarji l-ġodda, huwa neċessarju li fil-Ftehim dwar PRIMA jiġu integrati bis-sħiħ l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, konklużi skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar PRIMA, kif stabbilit f'dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri. Għalhekk, sabiex jiġu integrati bis-sħiħ fil-Ftehim dwar PRIMA l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, qed jiġu proposti għal dak il-Ftehim l-emendi li ġejjin:

1. L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Libanu fi PRIMA għandhom ikunu dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u jieħdu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(3), (3a) u (4) ta' dik id-Deċiżjoni. L-arranġamenti dettaljati għal tali assistenza huma stabbiliti fl-Anness.".

2. Jiżdied l-Artikolu 8 li ġej:

"*Artikolu 8*

L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza essenzjali għall-kooperazzjoni huma integrati bħala Anness ta' dan il-Ftehim u jiffurmaw parti integrali minnu.".

([1]) Il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU UE L 79, 22.3.2018, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2018/467/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1324/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (ĠU UE L, 2024/1167, 19.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1167/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1324/oj), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (ĠU UE L, 2024/1167, 19.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1167/oj).

3. L-Anness li ġej jiżdied mal-Ftehim dwar PRIMA:

"ANNESS

Dwar l-assistenza reċiproka skont l-Artikolu 2

Il-modalitajiet għall-assistenza reċiproka deskritti f'dan l-Anness jiffukaw fuq l-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet u fuq modalitajiet oħra għall-assistenza bħall-iffaċilitar tal-aċċess għall-awditi, għar-rieżamijiet u għall-verifiki fuq in-nefqa u tal-aċċess għall-investigazzjonijiet, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(3), (3a) u (4) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 dwar azzjonijiet indiretti ffinanzjati skont l-Artikolu 6(1), il-punt (a), ta' dik id-Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-'azzjonijiet indiretti'). Dawn il-modalitajiet bl-ebda mod ma jinvolvu r-responsabbiltà ekstrakuntrattwali tal-awtoritajiet kompetenti Libaniżi nominati f'każ ta' irregolaritajiet identifikati matul il-verifiki, l-awditi, ir-rieżamijiet u l-ispezzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikoli ta' hawn fuq, inkluż fid-dikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji rigward l-istatus legali jew l-eliġibbiltà tagħhom. L-obbligi tal-benefiċjarji Libaniżi fir-rigward tal-awditi, tar-rieżamijiet u tal-verifiki kif ukoll tal-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-infurzar, huma rregolati b'mod eżawrjenti fil-Ftehimiet ta' Għotja ffirmati bejn dawk il-benefiċjarji u fl-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (il-Fondazzjoni PRIMA).

ARTIKOLU 1

Awditi, rieżamijiet u verifiki

1. Skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim, l-awtoritajiet Libaniżi huma meħtieġa jipprovdu l-assistenza neċessarja għall-awditi tan-nefqa billi jiffaċilitaw it-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet. Meta tkun meħtieġa tali assistenza, l-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (il-Fondazzjoni PRIMA) għandha tipprovdi minn qabel, lill-awtorità nominata Libaniża, bl-informazzjoni bażika dwar il-missjonijiet relatati ma' dawn l-awditi, ir-rieżamijiet u l-verifiki, biex b'hekk l-awtorità nominata tkun tista' tiffaċilita dawk il-missjonijiet sa fejn ikun neċessarju.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-awtorità nominata Libaniża hija l-Kunsill Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika – il-Libanu (CNRS-L).

2. L-awditi, ir-rieżamijiet u l-verifiki jistgħu jitwettqu wara li d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167, jew il-Ftehim jiskadu jew wara t-terminazzjoni tal-Ftehim, dment li jibqgħu neċessarji għall-implimentazzjoni ta' PRIMA.

ARTIKOLU 2

Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

1. Skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim, l-awtoritajiet Libaniżi huma meħtieġa jipprovdu l-assistenza neċessarja għall-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF, bir-rispett dovut għal-liġijiet nazzjonali Libaniżi.

2. L-OLAF għandu jħejji u jwettaq attivitajiet investigattivi fit-territorju Libaniż f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità kompetenti Libaniża nominata mir-Repubblika Libaniża. L-OLAF għandu jinnotifika lill-awtorità nominata fi żmien xieraq dwar l-għan, il-fini u l-bażi legali tal-verifiki u tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fit-territorju Libaniż, sabiex tkun tista' tipprovdi kwalunkwe assistenza rilevanti neċessarja. Għal dan il-għan, il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti Libaniżi jista' jipparteċipa f'tali verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

Jekk l-awtorità nominata Libaniża tkun tixtieq hekk, hija tista' twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post b'mod konġunt mal-OLAF.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-awtorità Libaniża nominata hija l-Kunsill Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika – il-Libanu (CNRS-L).

3. Jekk il-parteċipanti kkonċernati f'azzjonijiet indiretti jew entitajiet legali stabbiliti fir-Repubblika Libaniża jirreżistu verifika jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet Libaniżi, filwaqt li jaġixxu f'konformità mar-regoli nazzjonali, għandhom jagħtu lill-persunal tal-OLAF l-assistenza neċessarja sabiex dan ikun jista' jwettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet tiegħu fuq il-post b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

4. Meta jkun possibbli, l-OLAF ser jinforma lill-awtoritajiet Libaniżi dwar ir-riżultati ta' tali verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fi żmien xieraq.

5. L-awtoritajiet Libaniżi għandhom jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ([1]) sabiex dan ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu li jinvestiga, jipproċedi u jressaq quddiem il-qorti l-awturi tar-reati kriminali u l-kompliċi ta' dawn ir-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

ARTIKOLU 3

Informazzjoni u konsultazzjoni

Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni għall-assistenza reċiproka skont il-Ftehim fuq bażi regolari, sakemm ma jkunux ipprojbiti milli jagħmlu dan bir-regoli jew bil-liġijiet applikabbli u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, iwettqu konsultazzjonijiet.

L-awtoritajiet kompetenti Libaniżi għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni jew lill-OLAF, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, b'informazzjoni li jsiru jafu biha relatata ma' irregolaritajiet suspettati jew stabbiliti fil-konklużjoni jew fit-twettiq tal-ftehimiet ta' għotja jew tal-kuntratti konklużi għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti.

ARTIKOLU 4

Kunfidenzjalità

Il-Partijiet għandhom jipproteġu l-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma skont il-Ftehim bl-istess mod kif informazzjoni simili tkun protetta bir-regoli applikabbli tagħhom. Tali informazzjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata lil persuni oħra għajr dawk fi ħdan il-Fondazzjoni PRIMA, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Parteċipanti jew fir-Repubblika Libaniża li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu jafuha, u tali informazzjoni ma għandhiex tintuża għal finijiet oħra ħlief biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.".

Inkun grat jekk tista' tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq. Għandi l-unur li nipproponi li, jekk dan ta' fuq huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA). Dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ meta l-Unjoni u r-Repubblika Libaniża jkunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri ta' approvazzjoni interni rispettivi tagħhom biex jikkonkludu dan il-Ftehim.

Nassigurak, Sinjur/Sinjura, mill-ikbar stima li għandi lejk.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ('l-UPPE') (ĠU UE L 283 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

Съставено в Брюксел на осми декември две хиляди двадесет и пета година.
Hecho en Bruselas, el ocho de diciembre de dos mil veinticinco.
V Bruselu dne osmého prosince dva tisíce dvacet pět.
Udfærdiget i Bruxelles den ottende december to tusind og femogtyve.
Geschehen zu Brüssel am achten Dezember zweitausendfünfundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne viienda aasta detsembrikuu kaheksandal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις οκτώ Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.
Done at Brussels on the eighth day of December in the year two thousand and twenty-five.
Fait à Bruxelles, le huit décembre deux mille vingt-cinq.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an t-ochtú lá de Nollaig sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.
Sastavljeno u Bruxellesu osmog prosinca godine dvije tisuće dvadeset pete.
Fatto a Bruxelles, addì otto dicembre duemilaventicinque.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada astotajā decembrī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų gruodžio aštuntą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év december havának nyolcadik napján.
Magħmul fi Brussell, fit-tmien jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.
Gedaan te Brussel, acht december tweeduizend vijfentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia ósmego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego piątego.
Feito em Bruxelas, em oito de dezembro de dois mil e vinte e cinco.
Întocmit la Bruxelles la opt decembrie două mii douăzeci și cinci.
V Bruseli ôsmeho decembra dvetisícdvadsaťpäť.
V Bruslju, osmega decembra dva tisoč petindvajset.
Tehty Brysselissä kahdeksantena päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.
Som skedde i Bryssel den åttonde december år tjugohundratjugofem.
حرر في بروكسل، في الثامن من ديسمبر عام ألفين وخمسة وعشرين

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



عن الاتحاد الأوروبي

B. *Ittra mir-Repubblika Libaniża*

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-pjaċir ngħarrfek li rċevejna l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid kif ġej:

"Għandi l-unur nirreferi għall-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ([2]) (minn hawn 'il quddiem 'il-Ftehim dwar PRIMA'). Il-Ftehim dwar PRIMA ppreveda t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Libanu fi PRIMA. It-termini u l-kundizzjonijiet huma dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'id-Deċiżjoni dwar PRIMA'), u dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm tibqa' fis-seħħ id-Deċiżjoni dwar PRIMA. Id-Deċiżjoni dwar PRIMA kienet teħtieġ li l-attivitajiet finali li għandhom jiġu ffinanzjati fl-ambitu ta' Orizzont 2020, inklużi s-sejħiet finali għal proposti skont il-pjanijiet ta' ħidma annwali rilevanti jitnedew sal-31 ta' Diċembru 2024 u, f'każijiet debitament ġustifikati, sal-31 ta' Diċembru 2025. Sabiex ittawwal l-attivitajiet tagħha, id-Deċiżjoni dwar PRIMA kellha tiġi emendata u inkorporata f'Orizzont Ewropa.

Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi PRIMA fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'id-Deċiżjoni emendata dwar PRIMA'), huwa neċessarju li l-Ftehim dwar PRIMA jiġi emendat u ssupplimentat sabiex dak il-ftehim jiġi allinjat mad-Deċiżjoni emendata dwar PRIMA sabiex il-Libanu jkun jista' jkompli jitqies bħala Stat Parteċipanti fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni emendata dwar PRIMA. Barra minn hekk, fid-dawl tar-regoli finanzjarji l-ġodda, huwa neċessarju li fil-Ftehim dwar PRIMA jiġu integrati bis-sħiħ l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, konklużi skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar PRIMA, kif stabbilit f'dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri. Għalhekk, sabiex jiġu integrati bis-sħiħ fil-Ftehim dwar PRIMA l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-assistenza reċiproka, qed jiġu proposti għal dak il-Ftehim l-emendi li ġejjin:

1. L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'It-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Libanu fi PRIMA għandhom ikunu dawk stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u jieħdu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi jipprovdu l-assistenza kollha neċessarja sabiex jiżguraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(3), (3a) u (4) ta' dik id-Deċiżjoni. L-arranġamenti dettaljati għal tali assistenza huma stabbiliti fl-Anness.'.

2. Jiżdied l-Artikolu 8 li ġej:

'*Artikolu 8*

L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza essenzjali għall-kooperazzjoni huma integrati bħala Anness ta' dan il-Ftehim u jiffurmaw parti integrali minnu.'.

([2]) Il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) (ĠU UE L 79, 22.3.2018, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2018/467/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1324/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (ĠU UE L, 2024/1167, 19.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1167/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li pparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU UE L 185, 18.7.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/1324/oj), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) taħt Orizzont Ewropa (ĠU UE L, 2024/1167, 19.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1167/oj).

3. L-Anness li ġej jiżdied mal-Ftehim dwar PRIMA:

'ANNESS

Dwar l-assistenza reċiproka skont l-Artikolu 2

Il-modalitajiet għall-assistenza reċiproka deskritti f'dan l-Anness jiffukaw fuq l-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet u fuq modalitajiet oħra għall-assistenza bħall-iffaċilitar tal-aċċess għall-awditi, għar-rieżamijiet u għall-verifiki fuq in-nefqa u tal-aċċess għall-investigazzjonijiet, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(3), (3a) u (4) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 dwar azzjonijiet indiretti ffinanzjati skont l-Artikolu 6(1), il-punt (a), ta' dik id-Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħin l-"azzjonijiet indiretti"). Dawn il-modalitajiet bl-ebda mod ma jinvolvu r-responsabbiltà ekstrakuntrattwali tal-awtoritajiet kompetenti Libaniżi nominati f'każ ta' irregolaritajiet identifikati matul il-verifiki, l-awditi, ir-rieżamijiet u l-ispezzjonijiet finanzjarji msemmija fl-Artikoli ta' hawn fuq, inkluż fid-dikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji rigward l-istatus legali jew l-eliġibbiltà tagħhom. L-obbligi tal-benefiċjarji Libaniżi fir-rigward tal-awditi, tar-rieżamijiet u tal-verifiki, kif ukoll tal-investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), inklużi d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-infurzar, huma rregolati b'mod eżawrjenti fil-Ftehimiet ta' Għotja ffirmati bejn dawk il-benefiċjarji u fl-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (il-Fondazzjoni PRIMA).

ARTIKOLU 1

Awditi, rieżamijiet u verifiki

1. Skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim, l-awtoritajiet Libaniżi huma meħtieġa jipprovdu l-assistenza neċessarja għall-awditi tan-nefqa billi jiffaċilitaw it-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet. Meta tkun meħtieġa tali assistenza, l-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (il-Fondazzjoni PRIMA) għandha tipprovdi minn qabel, lill-awtorità nominata Libaniża, bl-informazzjoni bażika dwar il-missjonijiet relatati ma' dawn l-awditi, ir-rieżamijiet u l-verifiki, biex b'hekk l-awtorità nominata tkun tista' tiffaċilita dawk il-missjonijiet sa fejn ikun neċessarju.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-awtorità Libaniża nominata hija l-Kunsill Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika – il-Libanu (CNRS-L).

2. L-awditi, ir-rieżamijiet u l-verifiki jistgħu jitwettqu wara li d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/1167, jew il-Ftehim jiskadu jew wara t-terminazzjoni tal-Ftehim, dment li jibqgħu neċessarju għall-implimentazzjoni ta' PRIMA.

ARTIKOLU 2

Investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)

1. Skont l-Artikolu 2 tal-Ftehim, l-awtoritajiet Libaniżi huma meħtieġa jipprovdu l-assistenza neċessarja għall-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF, bir-rispett dovut għal-liġijiet nazzjonali Libaniżi.

2. L-OLAF għandu jħejji u jwettaq attivitajiet investigattivi fit-territorju Libaniż f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtorità kompetenti Libaniża nominata mir-Repubblika Libaniża. L-OLAF għandu jinnotifika lill-awtorità nominata fi żmien xieraq dwar l-għan, il-fini u l-bażi legali tal-verifiki u tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fit-territorju Libaniż, sabiex tkun tista' tipprovdi kwalunkwe assistenza rilevanti neċessarja. Għal dan il-għan, il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti Libaniżi jista' jipparteċipa f'tali verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

Jekk l-awtorità Libaniża nominata tkun tixtieq hekk, hija tista' twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post b'mod konġunt mal-OLAF.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-awtorità Libaniża nominata hija l-Kunsill Nazzjonali għar-Riċerka Xjentifika – il-Libanu (CNRS-L).

3. Jekk il-parteċipanti kkonċernati f'azzjonijiet indiretti jew entitajiet legali stabbiliti fir-Repubblika Libaniża jirreżistu verifika jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet Libaniżi, filwaqt li jaġixxu f'konformità mar-regoli nazzjonali, għandhom jagħtu lill-persunal tal-OLAF l-assistenza meħtieġa sabiex dan ikun jista' jwettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet tiegħu fuq il-post b'mod effettiv u mingħajr dewmien żejjed.

4. Meta jkun possibbli, l-OLAF ser jinforma lill-awtoritajiet Libaniżi dwar ir-riżultati ta' verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fi żmien xieraq.

5. L-awtoritajiet Libaniżi għandhom jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ([1]) sabiex dan ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu li jinvestiga, jipproċedi u jressaq quddiem il-qorti l-awturi tar-reati kriminali u l-kompliċi ta' dawn ir-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

ARTIKOLU 3

Informazzjoni u konsultazzjoni

Il-Partijiet għandhom jiskambjaw informazzjoni għall-assistenza reċiproka skont il-Ftehim fuq bażi regolari, sakemm ma jkunux ipprojbiti milli jagħmlu dan bir-regoli jew bil-liġijiet applikabbli u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, iwettqu konsultazzjonijiet.

L-awtoritajiet kompetenti Libaniżi għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni jew lill-OLAF, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, b'informazzjoni li jsiru jafu biha relatata ma' irregolaritajiet suspettati jew stabbiliti fil-konklużjoni jew fit-twettiq tal-ftehimiet ta' għotja jew tal-kuntratti konklużi għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti.

ARTIKOLU 4

Kunfidenzjalità

Il-Partijiet għandhom jipproteġu l-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma skont il-Ftehim bl-istess mod kif informazzjoni simili tkun protetta bir-regoli applikabbli tagħhom. Tali informazzjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata lil persuni oħra għajr dawk fi ħdan il-Fondazzjoni PRIMA, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Parteċipanti jew fir-Repubblika Libaniża li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu jafuha, u tali informazzjoni ma għandhiex tintuża għal finijiet oħra ħlief biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.'.

Inkun grat jekk tista' tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq. Għandi l-unur li nipproponi li, jekk dan ta' fuq huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA). Dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ meta l-Unjoni u r-Repubblika Libaniża jkunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri ta' approvazzjoni interni rispettivi tagħhom biex jikkonkludu dan il-Ftehim.".

Nista' nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut tal-ittra tiegħek u li l-ittra tiegħek u din l-ittra għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim dwar PRIMA f'konformità mal-proposta tiegħek.

Nassigurak, Sinjur/Sinjura, mill-ikbar stima li għandi lejk.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU UE L 283 31.10.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

حرر في بروكسل، في الثامن من ديسمبر عام ألفين وخمسة وعشرين
Съставено в Брюксел на осми декември две хиляди двадесет и пета година.
Hecho en Bruselas, el ocho de diciembre de dos mil veinticinco.
V Bruselu dne osmého prosince dva tisíce dvacet pět.
Udfærdiget i Bruxelles den ottende december to tusind og femogtyve.
Geschehen zu Brüssel am achten Dezember zweitausendfünfundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne viienda aasta detsembrikuu kaheksandal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις οκτώ Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι πέντε.
Done at Brussels on the eighth day of December in the year two thousand and twenty-five.
Fait à Bruxelles, le huit décembre deux mille vingt-cinq.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an t-ochtú lá de Nollaig sa bhliain dhá mhíle fiche a cúig.
Sastavljeno u Bruxellesu osmog prosinca godine dvije tisuće dvadeset pete.
Fatto a Bruxelles, addì otto dicembre duemilaventicinque.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit piektā gada astotajā decembrī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt penktų metų gruodžio aštuntą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonötödik év december havának nyolcadik napján.
Magħmul fi Brussell, fit-tmien jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin.
Gedaan te Brussel, acht december tweeduizend vijfentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia ósmego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego piątego.
Feito em Bruxelas, em oito de dezembro de dois mil e vinte e cinco.
Întocmit la Bruxelles la opt decembrie două mii douăzeci şi cinci.
V Bruseli ôsmeho decembra dvetisícdvadsaťpäť.
V Bruslju, osmega decembra dva tisoč petindvajset.
Tehty Brysselissä kahdeksantena päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäviisi.
Som skedde i Bryssel den åttonde december år tjugohundratjugofem.

عن الجمهورية اللبنانية



За Република Ливан
Por la República Libanesa
Za Libanonskou republiku
For Den Libanesiske Republik
Für die Libanesische Republik
Liibanoni Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία του Λιβάνου
For the Republic of Lebanon
Pour la République libanaise
Thar ceann Phoblacht na Liobáine
Za Libanonsku Republiku
Per la Repubblica libanese
Libānas Republikas vārdā –
Libano Respublikos vardu
a Libanoni Köztársaság részéről
Għar-Repubblika Libaniża
Voor de regering van de Republiek Libanon
W imieniu Republiki Libańskiej
Pela República Libanesa
Pentru Republica Libaneză
Za Libanonskú republiku
Za Republiko Libanon
Libanonin tasavallan puolesta
För Republiken Libanon